MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 50/2010

**Cecil Fiorini (ID 94746M)**

**Vs**

**Pierre Curmi (ID 37371M)**
**u martu Micaela Bauert**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ €4008.62 (erbat elef u tmien ewro u tnejn u sittin centezmu) dovuta mill-konvenuti, kwantu ghal €2400 (elfejn u erba’ mitt ewro) rappresentanti arretrati ta’ kera tal-fond 30, Capricorn, Triq F. Assenza, Ibragg, €350 (tlett mija u hamsin ewro) rapprezentanti arretrati ta’ kera tal-garage numru 34, Triq F. Assenza, Ibragg, €1128.72 (elf mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu) rappresentanti konsum ta’ servizzi ta’ dawl u ilma u €129.90 (mija u disgha u

ghoxrin ewro u disghin centezmu) ghall-uzu u servizz tat-telefon, tul l-okkupazzjoni tal-konvenuti fil-proprjetajiet msemmija.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid numru ppresentat konteswalment u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti solidalment jew min minnhom minn kull skadenza u/jew fattura relattiva li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-20 ta' Ottubru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ €4008.62 (erbat elef u tmien ewro u tnejn u sittin centezmu) bl-imghaxijiet legali mid-19 ta’ Frar 2010 sa-data tal-pagament effettiv  kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtellatorju presentat fid-19 ta’ Frar 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------